

Nibnu I-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali

IL-BULLETTIN

Fir-raba' ħarġa tal-bullettin Nibnu I-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali (BELC), ninsabu kuntenti li naqsmu l-aħbarijiet dwar it-tkabbir tan-network tagħna.

Il-BELC uffiċjalment qabeż l-**1,000 membru** b'kolloxx — xhieda tal-entużjażmu dejjem jikber għat-tishiĥ tar-rwol tal-gvern lokali fil-komunikazzjoni tal-għanijiet tal-UE.

Barra minn hekk, il-qajna l-ewwel membri tagħna mill-lżvezja, u, b'dan l-iżvilupp, ksibna stadju importanti

ieħor: **il-preżenza ta' BELC fl-Istati Membri kollha tal-UE.** Din il-kisba tirrifletti l-impenn komuni tagħna li ninkoraġġixxu l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-għarfien fost il-kunsilliera lokali madwar I-Ewropa.

Din il-ħarġa toffri perspettivi intuwitivi dwar l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin, firxa kbira ta' avvenimenti u webinars, u sensiela tal-aħjar prattiki mill-membri tagħna ta' BELC.

1,000+

membri ta' BELC

500

reġistrazzjoni fuq Futurium

180

reġjun kopert

Opportunitajiet ekonomiċi fiż-żoni rurali, inkluż għall-bdiewa zgħażaġh

Opportunitajiet marbuta mat-turiżmu, inkluż l-ekoturiżmu

Valorizzazzjoni tal-wirt kulturali u t-tradizzjonijiet

S'issa l-membri ta' BELC huma l-iktar interessati f'dawn il-ħames suġġetti tal-UE:

Aċċess għal edukazzjoni (ta' kwalità), inkluż l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali u d-diġitalizzazzjoni

Komunikazzjoni u djalogu mal-partijiet lokali kkonċernati u ċ-ċittadini (demokrazija parteċipattiva)



#EUElections2024

dak kollu li għandek tkun taf

L-elezzjonijiet Ewropej huma **wieħed mill-akbar voti demokratiċi fid-dinja**, u jinsabu eżatt wara l-kantuniera. Mis-6 sad-9 ta' Ġunju 2024, il-votanti tal-UE se jagħżlu **s-720 Membru tal-Parlament Ewropew** li se jkunu l-vuċi tagħhom għall-ħames snin li ġejjin. Ladarba jiġi fformat, il-Parlament Ewropew jeleġġi l-President tal-Kummissjoni Ewropea, japprova l-baġit tal-UE, u jeżerċita **s-setgħa leġiżlattiva sħiħa tiegħu** flimkien mal-Kunsill tal-UE.

Kif tivvota f'pajjiżek

L-elezzjoni hi regolata minn regoli komuni tal-UE, iżda bil-possibbiltà ta' dispożizzjonijiet u proċeduri nazzjonali speċifiċi (pereżempju, id-daqs tal-kostitwenzi, l-età tal-vot u d-dati tal-elezzjoni f'perjodu ta' żmien partikolari). Tista' tiċċekkja **kif din taħdem f'pajjiżek [hawnhekk](#)**.

Il-vuċi tiegħek tgħodd, noqogħdu fuqek!

It-tixrid tal-kelma, l-inkoraġġiment lill-oħrajn biex jivvutaw, u l-qsim tal-għarfien fil-livell lokali huma kruċjali għat-tiŝiħ tal-parteciċipazzjoni elettoral. **Kif tista' tinvolvi ruħek?** Ingħaqad mal-**[pjattaforma flimkien.eu](#)**.

L-aħjar mod biex iċ-ċittadini jiġu mmotivati jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej hu li jintwerew ir-riżultati ta' tanġibbli li kisbet l-UE matul l-aħħar ħames snin u kif dawn tejbju l-ħajja tagħhom ta' kuljum. Għal dan l-għan, **il-membri ta' BELC daqt se jirċievu materjali** u narrattivi **diġitali** li jkopru **r-riżultati ta' tanġibbli** tal-UE marbuta ma' għaxar suġġetti, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew ambizzjuż, id-Deċennju Diġitali tal-Ewropa, l-investiment fil-prosperità tal-Ewropa, il-bini ta' Unjoni aktar ġusta u aktar inklużiva. Dawn ir-riżorsi se **jagħtu s-setgħa lill-kunsilliera biex ikollhom involviment effettiv** fil-komunità tagħhom.

Dan hu kollox fi ftit kliem. Aktar dettalji huma disponibbli fuq Futurium, taħt **[Elezzjonijiet Ewropej 2024](#)**.

L-aħjar prattiki tal-membri ta' BELC



Matul laqgħa tal-kunsill tal-komunità fil-5 ta' Diċembru 2023, **Bernard Devic**, membru ta' BELC minn **Le Grand Narbonne** f'**Occitanie, Franza**, ospita diskussjoni importanti dwar l-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin. L-enfasi kienet fuq kif diversi networks Ewropej – inklużi l-Moviment Ewropew, il-Houses of Europe, Ensemble.eu, Eurodesk Occitanie, u l-Young Economic Chamber ta' Occitanie – jistgħu jgħajju għalihom.

Il-laqgħa ġiet organizzata b'mod kollaborattiv mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew u r-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fi Franza, kif ukoll miċ-ċentru EUROPE DIRECT f'Occitanie. Flimkien ma' membri oħra ta' BELC, huma mħejjija biex ikollhom rwol ċentrali fl-attivitatiet ta' komunikazzjoni mmirati lejn iċ-ċittadini tal-UE fit-tnejjja għall-elezzjonijiet Ewropej ta' din is-sena.

Matul laqgħa tal-kunsill tal-komunità fil-5 ta' Diċembru 2023, **Bernard Devic**, membru ta' BELC minn **Le Grand Narbonne**

Europe DIRECT Alentejo Central e Litoral, il-Portugall ingħaqad mal-membri ta' BELC - il-Viċi Sindku **Tiago Salgueiro** minn Vila Viçosa u s-Sindku **Marta Prates** minn Reguengos de Monsaraz - biex joħolqu sensiela ta' filmati li jħallu impatt biex jixħtu dawl fuq il-kunsilli tagħhom, l-interessi tagħhom marbuta mal-UE, u l-involviment tagħhom fin-network BELC. Żur **[il-paġna uffiċjali ta' Facebook](#)** tagħhom biex tara l-filmati.

Marco Bittner, membru ta' BELC minn Calp fi Spanja, organizza diskussjoni vivaċi ma' studenti ta' bejn it-12 u s-16-il sena dwar is-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), bit-titlu '**Nitgħallmu Dwar l-Aġenda 2030 mal-Adolexxenti minn Calp**'. L-inizjattiva kellha l-għan mhux biss li tqajjem kuxjenza dwar l-impatt tagħna fuq il-pjaneta, iżda wkoll li toħloq spirtu Ewropew fl-istudenti.

Żur it-taqsimha ġdida fjamanta [L-Aħjar Prattiki fuq il-website ta' BELC](#) biex tidħol aktar fil-fond ta' aktar inizjattivi ta' komunikazzjoni tal-UE fil-livell lokali mill-komunità BELC!



Avvenimenti u inizjattivi tal-UE

Kollaborazzjoni promettenti żviluppata matul it-taħriġ fiċ-Ċentri ta' EUROPE DIRECT f' Bukarest

Fit-30 u l-31 ta' Jannar, il-membri ta' BELC **Andrei Iordanescu** mir-Rumanija u **Mojca Erjavec** mis-Slovenja ġew mistiedna jipparteċipaw għall-ewwel darba fit-taħriġ ġoċ-ċentri ta' EUROPE DIRECT f' Bukarest.

Matul l-avveniment, id-Direttur tad-DĠ COMM **Richard Kuehnel** enfasizza r-rwol ċentrali tal-membri ta' BELC bħala sħab għaċ-ċentri EUROPE DIRECT, u ddikjara:

Eżerċizzju ta' suċċess kien dak meta sar l-iscreening dwar l-Istat tal-Unjoni u jeħtieġ li jsiru aktar inizjattivi bħal dawn. Il-membri ta' BELC għandhom isiru l-persuni li wieħed għandu jstieden meta jiġu organizzati dibattiti dwar l-Ewropa, speċjalment f'muniċipalitajiet iżgħar.

Il-membri ta' BELC huma kollha mħeġġa jilhqqu ċ-ċentri **EUROPE DIRECT**, kif ukoll networks oħra tal-UE fir-reġjun tagħhom.



Andrei Iordanescu, ir-Rumanija u Mojca Erjavec, is-Slovenja

Ingħaqad mal-10 Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet

L-**10 Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet**, organizzat mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, se jsir fit-18 u fid-19 ta' **Marzu 2024**. Fl-isfond pittoresk ta' Mons, fil-Belġju, dan is-sommit hu opportunità kbira biex wieħed jagħmel parti minn assemblea unika fejn ir-rappreżentanti eletti lokali u reġjonali, inklużi l-membri ta' BELC, jiltaqgħu biex jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar il-futur tal-UE.

It-tishiġ tal-komunità BELC

Webinars tematiċi

It-tieni u t-tielet edizzjonijiet tal-webinar '**Naħdmu flimkien biex inġibu l-elezzjonijiet Ewropej qrib in-nies**' saru fil-25 ta' Jannar u fil-15 ta' Frar rispettivament. Dawn l-avvenimenti multilingwi ospitaw membri minn madwar in-networks ta' BELC u ta' EUROPE DIRECT. L-esperti tal-Kummissjoni offrew għarfien dwar ir-riżorsi disponibbli li jistgħu jgħinu biex l-elezzjonijiet jiġu kkomunikati b'mod effettiv lill-komunitajiet lokali, filwaqt li jrawmu ambjent aktar attiv u demokratiku.

Fit-18 ta' Jannar, it-tim tal-Kummissjoni Ewropea introduċa l-portal imġedded '**Semma' Leħnek**', flimkien mal-**Pjattaforma l-ġdida għall-Involvement taċ-Ċittadini u l-Panel taċ-Ċittadini Ewropej li jmiss**, fi preżentazzjoni online informattiva ħafna. Il-membri tan-network ta' BELC u ta' EUROPE DIRECT kienu mgħammra b'għodod essenzjali biex jorganizzaw attivitajiet ta' involviment taċ-ċittadini fil-livell lokali.

Fit-12 ta' Frar, **aktar minn 150 membru attendew** għall-webinar dwar id-**Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini**

fl-Użu tal-Enerġija, li offra opportunità kbira lill-kunsilliera lokali biex jiksbu għarfien dirett mill-esperti tal-KE dwar waħda mill-aktar politiki sinifikanti fuq l-aġenda tal-UE.

Qed jiġu organizzati regolarment aktar webinars dwar suġġetti tal-UE li huma ta' interess għall-kunsilliera lokali, bħall-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)** u l-implimentazzjoni tagħha fil-livell lokali, u l-**Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, fost l-oħrajn. **Żur Futurium** għal aktar informazzjoni.

Webinars ta' merġba

Webinars reċenti laqgħu membri ġodda ta' BELC fl-Italja, Spanja, u madwar l-UE. Fi Frar, 45 membru mill-Italja, 46 minn Spanja, u 86 membru li jkopru 18-il pajjiż tal-UE ġew introdotti għall-attivitajiet ta' BELC u s-servizzi ddedikati tal-KE, bħal żjarat ta' studju fi Brussell, materjali tal-UE, appoġġ miċ-ċentri ta' EUROPE DIRECT, Team Europe Direct, eċċ. Il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jiddiskutu mar-Rappreżentazzjonijiet tal-KE kif ukoll mat-tim ta' appoġġ ta' BELC fil-lingwa uffiċjali rispettiva tagħhom tal-UE.



Żjarat fi Brussell

Filwaqt li jkomplu jibnu fuq is-suċċess taż-żjarat ta' studju tal-2023, il-membri ta' BELC qed jagħmlu impatt qawwi fi Brussell fl-2024. L-aħħar żjara tal-2023, li kienet tinkludi membri mir-Rumanija, saret f'Diċembru. Wara dan, f'Jannar, membri Ġermaniżi daħlu fl-operazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li l-Kummissarju għad-Demokrazija u d-Demografija, **Dubravka Šuica**, iltaqgħet ma' membri Kroati u Sloveni.



Żjara tal-membri Ġermaniżi ta' BELC fi Brussell



Żjara tal-membri ta' BELC fi Brussell minn Franza, il-Belġju u n-Netherlands

Fi Frar, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Komunikazzjoni **Dana Spinant** iltaqgħet mad-delegazzjoni Franċiża, u grupp ta' kunsilliera Spanjoli ntaqgħu mill-MPE **Domènec Ruiz Devesa** u **Jaume Duch Guillot**, Direttur Ġenerali għall-Komunikazzjoni u Kelliem tal-Parlament Ewropew. Sadattant, membri mill-Italja, is-Slovakkja u l-Greċja qed iħejju ruħhom għaż-żjara li jmiss tagħhom fi Brussell f'Marzu u April.

Rokna tal-membri

Ingħaqad magħna biex infakkr **Jum l-Ewropa** fid-9 ta' Mejju, ċelebrazzjoni speċjali ta' paċi u unità madwar il-kontinent. Din is-sena, qed nestendu stedina speċjali lill-membri ta' BELC biex **tiegħdu rwol ta' tmexxija fl-organizzazzjoni tal-avvenimenti tagħkom stess**, fit-trawwim ta' spirtu ta' komunità, u fil-kondiviżjoni tal-identità Ewropea fir-reġjun tagħkom. Iċ-ċentri ta' EUROPE DIRECT lokali tiegħek huma sħab imprezzabbli biex dawn l-inizjattivi jirnexxu.

Innaviga din il-mappa biex tiskopri l-eqreb ċentru tiegħek u opportunitajiet eċċitanti ta' kollaborazzjoni!

Futurium: introduzzjoni tal-ispazju "Iltaqa' mal-membri ta' BELC"

Espora l-ispazju l-ġdid tiegħek f'Futurium, **Iltaqa' mal-membri tal-BELC**, fejn tista' tintroduċi ruħek, taqşam il-viżjoni tiegħek, u trawwem konnessjonijiet sinifikanti ma' membri oħra ta' BELC.

Jekk għadek ma għamiltx dan, **[irreġistra fuq Futurium hawnhekk](#)**.

Bħala membri tan-network, il-pjattaforma Futurium hi l-ispazju tagħkom! Hawnhekk issib **materjali tal-UE dwar suġġetti tal-UE**, informazzjoni dwar **webinars dwar il-politika tal-UE** kif ukoll tista' turi **kif tinvolvi ruħek f'suġġetti tal-UE fil-kostitwenza tiegħek**.

Uża l-lingwa tiegħek stess; it-traduzzjoni awtomatika se tgħinek tinteraġixxi ma' membri oħra.

Jekk għandek xi mistoqsijiet, żur il-website **[Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali](#)**, ikkonsulta l-**[Mistoqsijiet Frekwenti \(FAQs\)](#)** jew ikkuntattjana fuq **info@eu-councillors.eu**



**Nibnu l-Ewropa flimkien
mal-Kunsilliera Lokali**